# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, l-Erbgha, 18 ta' April, 2001**

**Citaz.  numru:  111/99 NA**

**Martin Gaffarena**

**vs**

1. **Doreen Zammit u zewgha Joseph ghal kull interess li jista' jkollu**
2. **Joseph Zammit li b'digriet tat-8 ta' Frar 1999 gie kkonfermat kuratur deputat biex jirrapprezenta l-interessi tal-minuri Shawn Zammit**

**Il-Qorti,**

Fl-atti ta' din il-kawza hemm diversi rikorsi ohra li jirrikjedu l-intervent tal-Qorti biex din il-kawza tkun tista' tasal ghall-konkluzzjoni taghha u dan wara d-diversi digrieti li diga' inghataw fis-26 ta' Jannar 2000 ukoll fir-rigward ta' diversi materji ta' natura procedurali li diga' kienu tqajjmu mill-partijiet f'din il-kawza.

Effettivament l-ewwel rikors huwa dak tal-konvenuti tat-2 ta' Frar 2000 fejn jitolbu li l-Qorti tirrevoka *contrario imperio* wiehed mid-digrieti taghha tas-26 ta' Jannar 2000 in kwantu ma laqghetx it-talba ghall-isfilz tax-xhieda moghtija mit-Tabib Dottor Stephen Spiteri quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fis-seduta tal-1 ta' Lulju 1999.

Fid-digriet li qed tintalab ir-revoka tieghu l-Qorti kien dehrilha, wara ezami sew ta' l-Artikolu 588 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sew tal-provvedimenti tal-Kapitolu 377 tal-Ligijiet ta' Malta - l-Att dwar Segretezza Professjonali (partikolarment l-Artikolu 9 ta' l-istess Att) li din ix-xhieda kellha tinstema' mill-Assistenta Gudizzjarja dment li tinghata *in camera* u li tigi depozitata fi spoll separat fl-atti tal-process, liema spoll kellu jkun biss accessibbli ghall-Qorti u ghall-istess partijiet.

Ghar-rikors tat-2 ta' Frar 2000 saret risposta mill-attur fis-17 ta' April 2000 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, jitlob lill-Qorti jichad it-talba tal-konvenuti.

Jinghad mill-bidu u qabel kollox illi parti minn dak sottomess mill-konvenuti jirrizulta gustifikat u l-Qorti stess fis-seduta tas-

6 ta' Ottubru 2000 kienet varjat id-digriet taghha fuq imsemmi billi ordnat l-isfilz tax-xhieda moghtija mill-istess Dottor Stephen Saliba quddiem l-Assistenta Gudizzjarja pero' ordnat li dan ix-xhud kellu jinstema' minnha, bhala xhud ta' l-attur, qabel ma kellhom jibdew il-provi tal-konvenuti dejjem ovvjament fil-parametri tad-digriet tas-26 ta' Jannar 2000.

Il-punt ghalhekk li jrid jigi issa deciz huwa biss jekk dan ix-xhud ghandux jinstema' mill-Qorti peress illi, fil-fehma tal-Qorti, it-talba tal-konvenuti biex tigi sfilzata x-xhieda gia' moghtija u biex dan ix-xhud ma jinstemghax mill-Assistenta Gudizzjarja gia' gew akkordati u dana jinghad ukoll b'riferenza ghas-sottomissjoni tad-difensur tal-konvenuti maghmulha mhux biss fir-rikors promotur izda wkoll fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2001.

Sorvolat u ccarat dan il-punt nonostante l-konvenuti filwaqt li jirrikonoxxu d-dritt tal-Qorti li fil-kaz ta' Tabib dan jista', fl-ambitu' tal-provvedimenti tal-ligi, jkun kostrett jixhed isostnu illi din hija ligi zbaljata li tikkonfliggi wkoll ma' xi gurisprudenza tal-Qrati taghna u dan apparti illi tali decizjoni tilledi d-drittijiet tal-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u talbu li dan il-punt jigi

deciz a tenur ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Dwar dan l-ahhar punt l-attur, tramite d-difensur tieghu, ssottometta illi din it-talba f'dan l-istadju hija frivola u vessatorja.

Ikkunsidrat:-

Illi apparti mir-riferenza kostituzzjonali li tigi ezaminata mill-Qorti aktar tard f'dan id-digriet, din il-Qorti ma thossx illi huwa kompitu taghha li tikkommenta dwar is-saggezza jew il-korrettezza tal-ligijiet ta' pajjizna. Il-funzjoni taghha hija biex tinterpreta dawn il-ligijiet u tapplikahom dejjem, jigi ripetut, salv l-aspett kostituzzjonali. F'din il-materja l-Qorti dehrilha illi interpretat dak illi tipprovdi l-ligi b'mod korrett. Ovvjament tifhem id-delikatezza tal-materja in ezami u kien ghalhekk illi hadet provvedimenti ulterjuri ta' kif ghandha tinstema' din ix-xhieda u tassigura lill-istess konvenuti illi, jekk ikun il-kaz, tiehu provvedimenti ohra sabiex din ix-xhieda, meta tinghata, tkun indirizzata biss ghall-meritu ta' din il-kawza u ma thalliex illi fl-istess xhieda jigu zvelati materji kunfidenzjali u personali ghall-konvenuta Zammit li jmorru oltre minn dak prettament necessarju ghar-ricerka tal-verita' fir-rigward tal-meritu tal-kawza.

Jiswa li f'dan l-istadju jsiru xi osservazzjonijiet mill-Qorti li ghandhom iservu wkoll ghall-punt kostituzzjonali li tqajjem mill-konvenuti.

1. Il-konvenuta dejjem innegat illi qatt ikkonsultat mat-Tabib Stephen Spiteri u dana sostnietu anke wara d-digriet tal-Qorti fejn kienet ammettiet din ix-xhieda. (Ara per ezempju x-xhieda minnha moghtija in kontro-ezami fit-2 ta' Mejju 2000 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja). F'dan, ghalhekk, jidher illi l-attur ghandu ragun jilmenta fuq l-inkonsistenza tal-konvenuta. Jekk dina tinnega illi qatt ikkonsultat mat-Tabib Spiteri x'sigriet professjonali jista' jizvela?

2. Kuntrarjament ghall-kazijiet ohra l-meritu ta' din il-kawza hija wahda ta' paternita' fejn jezistu wkoll id-drittijiet tal-minuri koncernat. Sa issa l-konvenuta qed tirrifjuta li taghmel dawk l-ezamijiet xjentifici u genetici tad-D.N.A., kif ghandha kull dritt li taghmel, filwaqt li l-Qorti, almenu f'dan l-istadju ghadha ma ezercitatx il-poteri lilha moghtija taht l-Artikolu 70 (3) tal-Kodici Civili. Dawn huma whud mill-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Qorti thalli li tingab din ix-xhieda u tuza d-diskrezzjoni taghha billi tezenta lit-Tabib mis-sigriet professjonali, dejjem jekk jezisti, minkejja l-principju

prudenzjali msemmi mill-istess konvenuti li l-konsultazzjonijiet ma' Tabib, normalment, ma jittajrilhomx il-velu tas-segretezza.

Ikkunsidrat:-

Illi fadal ghalhekk, almenu fir-rigward ta' dan ir-rikors, il-punt kostituzzjonali li dwaru l-partijiet, fuq stedina tal-Qorti, skambjaw noti ta' sottomissjonijiet fit-18 ta' Jannar u 8 ta' Frar 2001 rispettivament.

Il-Qorti kkunsidrat il-materja li qed tigi prezentement iddibattuta, l-interess tal-minuri u tal-gustizzja w is-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet u jidhrilha illi din it-talba ghar-riferenza kostituzzjonali fl-istadju li saret u fir-rigward tal-materja li dwarha saret hija wahda frivola u vessatorja u ghalhekk hija michuda.

Fil-parametri fuq indikati u b'rizerva ghall-kawteli kollha li l-Qorti tista' tipprovdi ghalihom anke waqt l-istess xhieda d-digriet ta' din il-Qorti, kif varjat, huwa kkonfermat u l-Qorti trid illi tinstema' quddiemha x-xhieda tat-Tabib Dottor Stephen Spiteri.

L-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.